

# Dun Ġużepp Pace B.A. Lic.D
# F'għeluq il-50 sena minn mewtu
# 17.10.1962 - 17.10.2012

*Kitba ta' Ġorġ Bianchi*

Din is-sena l-għażla ta' kitbieti dwar nies Qriema li wettqu dmirhom għall-ġid ta' ħuthom fil-Belt Pinto waqgħet fuq il-Kanonku Dun Ġużepp Pace, iben Ġużeppi u martu Carmela imwielda Cardona. 'Dun Peppin' kif konna l-aktar nafuh, twieled fl-1915 u tilef lil missieru bikri, xi żmien qabel ma qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fit-2 ta' Ġunju, 1940. Kien saċerdot Qormi ħabrieki u din is-sena jagħlaq ħamsin sena mindu ssejjaħ fi ħdan il-Mulej. Bil-mewt tiegħu, il-parroċċa kienet tilfet ġawhra minnu għax kien bniedem irrispettat tabilħaqq. Saħansitra niftakar li bosta mill-Qriema Ġorġjani stennew li wara li spiċċa l-Arċipriet Dun Anton Vella, kellu jinħatar Dun Peppin bħala r-Ragħaj Spiritwali tal-parroċċa, mhux Dun Ġerard Frendo kif fil-fatt sar. Dan tal-aħħar kien spiċċa minn Ħal Qormi billi snin qabel kien laħaq Kappillan tal-Gudja. Wara snin ta' ħidma sfiqa fostna fil-kariga ta' arċipriet, Dun Ġerard inħatar monsinjur.

Dun Ġużepp, qassis verament maħbub kien ilu madwar ġimgħa li nxteħet ma jiflaħx fis-sodda. Ħadd forsi, għajr dawk ta' madwaru ma kien jaf li dan kien daqshekk magħdur u jinsab qrib il-mewt. Il-bqija tan-nies ħasbet u ttamat li fi ftit ġranet il-qassis kien sa jirpilja u jerġa' mill-ġdid fuq saqajh, iżda dan ma kellux ikun. Kien għad kellu biss 47 sena, meta miet maż-żernieq tas-17 ta' Ottubru, 1962. Mhux ta' b'xejn li meta t-tokki kiebja tal-qampiena fil-kampnar tal-knisja arċipretali tagħna xerrdu din l-aħbar kerha, il-ġens sħiħ Qormi nħasad b'din il-bxara.

Kien bniedem tassew miġjub u miżmum fuq wiċċ l-idejn, mhux biss fostna l-Qriema, imma wkoll madwar Malta kollha. Kien saċerdot eżemplari u mżejjen bi kwalitajiet ferm sbieħ. Kulħadd kien jafu b'raġel ta' dehen kbir, għaqli u ta' fommu sieket. Qatt ma tkabbar bl-għerf li kellu anzi l-umiltà kienet tixgħel fih. Fejn kont tarah dejjem b'wiċċ ferrieħi u xi ċajta li tferraħ ma joqgħodx lura minnha. Kulfejn kont tarah dejjem imdawwar bil-ħbieb mill-oqsma kollha tal-ħajja. Kien jgħix m'ommu li kienet magħrufa bħala s-Sinjura Mímí kif ukoll m'oħtu Franġeska li kienu jsejħulha 'Kikkina'. Għammru flimkien fi Triq il-Kbira, fid-dar li quddiemha, mat-tarf tal-bankina ssibbilha erba' *bollards* taż-żonqor ta'madwar żewġ piedi tul. Donnhom suldati qed jgħassuha. Din id-dar, li tinsab daqs tefa' ta' ġebla 'il bogħod mill-knisja, illum hija d-'Domus Curialis' u fiha jgħix l-Arċipriet tal-parroċċa l-Kan. Anton Cassar. Din id-dar sabiħa ngħatat b'rigal lill-parroċċa

mill-mibki l-Kan. Dun Ġwakkin Schembri li għex f'din id-dar ukoll biex żied il-lista ta' nies magħrufa li għamlu ġieħ lil Ħal Qormi. Żewġ plakki mal-faċċata, dwar tnejn min-nies prominenti, waħda fuq kull naħa tal-bieb ewlieni jixhdu dan.

Bħala predikatur Dun Peppin kellu l-kelma taqilgħu u b'riħet hekk kien imfittex mhux ftit. Kien ikollu bosta stediniet f'għadd ta' festi fl-ibliet u fl-irħula biex jinseġ xi paniġierku jew priedki oħra bħal dawk ta' żmien ir-Randan. Billi nħatar Direttur Spiritwali għall-iskejjel primarji tal-Gvern xogħlu kien li jdur l-iskejjel minn tarf s'ieħor ta' Malta u l-għaxqa tiegħu jiżra' l-ġid bi kliem għasli fost it-tfal.

Kien imdaħħal f'diversi għaqdiet oħra fosthom Fl-Azzjoni Kattolika, fejn kien attiv immensament. F'Ħal Qormi kien jokkupa l-kariga ta'Assistent Ekklesjastiku Ġenerali tal-fergħa tan-nisa, Ċirkolu 'Sant Anjeże' li mal-faċċata tiegħu kienet twaħħlet plakka kommemorattiva dwar Dun Peppin(1). Din id-dar li għamlet żmien tintuża bħala *Domus Curialis* iġġib numru 107, Pjazza San Franġisk. Dun Peppin kien jattendi sikwit ukoll iċ-ċirkolu 'San Stanislaw Kostka' sezzjoni ġuvintur. Niftakru jagħtina xi lezzjonijiet tad-dutrina. Imbagħad wara l-lezzjoni, jissieħeb m'għadd ta' membri madwar mejda waqt xi logħba ċess jew xi logħob ieħor ta' din ix-xorta. L-għaxqa tiegħu, jaqsam magħna dak kollu li jkun għaddej bejnietna ż-żgħażagħ.

Iżjed minn hekk, kien ukoll inħatar Kanonku Teologu fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Ma rridx ninsa nżid li fost xi xogħol ieħor, kien membru tal-Missjoni l-Kbira u għalliem fis-Seminarju.

Meta kien ikun ħafif mix-xogħol tiegħu ta' kuljum, bosta mill-ħin kien jgħaddih fil-knisja arċipretali tagħna jqarar l-aktar lin-nisa. In-nisa ma kinux jidħlu fis-sagristija bħal-lum, għalhekk kienu jinġabru qaqoċċa bilqiegħda madwar il-konfessinarju tiegħu. Lil Dun Peppin kienu jagħtuh x'jagħmel sew. Il-pariri siewja tiegħu kienu jfittxuhom nies minn kull qasam.

Drawwa li kważi nqatgħet kienet li n-nisa kienu jidħlu fil-knisja b'xuxithom mgħottija, l-aktar b'xi velu iswed jew abjad tal-bizzilla. Oħrajn kienu jiddilettaw bl-għonienel u F'Ħal Qormi kien hawn minnhom mhux ftit. Minħabba f'hekk meta jinzertaw għall-qrar f'daqqa kienu jispikkaw bil-kbir. Kont tisthajjilhom dgħajjes bil-qlugħ għall-irdoss, qed jistkennu flimkien minn xi maltemp.

B'xhieda ta' kemm kien magħruf u maħbub Dun Peppin, tawhielu fil-funeral tiegħu. Il-Qriema ħarġu bi ħġarhom u ngħaqdu m'għadd kbir ieħor li ġew mit-truf kollha ta'gżiritna. Bosta anzjani jgħidulek li kien wieħed mill-akbar funerali li qatt saru fil-Belt Pinto. Riedu jagħtuh l-aħħar tislima kif kien jixraqlu. Għarfu li l-mewt ħasdet minn fosthom bniedem għaref u kbir li kien isarraf mhux ftit għall-parroċċa tagħna.



Ma ridtx din l-okkażjoni taħrabli u ma nsemmix episodju b'rabta miegħu li seħħ lili waqt quddiesa. Tabilħaqq li jibqa' f'moħħi sakemm Alla jeħodni. Billi kont dħalt abbati fil-knisja arċipretali ddedikata lil San Ġorġ Martri kelli x-xorti naħdem ma' Dun Peppin mill-qrib. Tista' tgħid li trabbejt ma' nannuwi Ġużeppi Cardona u ziti Anġela, oħt ommi Vendra. Bnazzi jew maltemp, it-tnejn kienu jbakkru għall-quddiesa tal-ewwel jew tal-5.00 kull filgħodu. Lili kienet tkaxkarni magħha ziti. Għalhekk bis-saħħa tagħhom ma kinitx diffiċli għalija li bħala abbati mmur il-quddies kuljum. Dari l-quddies kien isir biss filgħodu, u n-nies b'devozzjoni akbar minn dawk tal-lum kienet tiffrekkwenta l-quddies bil-goff, l-aktar dawk anzjani. Il-quddies beda jsir filgħaxija wara l-konċilju. Dan sar bil-għan li l-fidili jattendu aktar. Madankollu għad hawn min ma jafx kemm merti fiha l-quddiesa għax flok ma żdiedu n-nies naqsu. Tassew ħasra. "Tibda l-jum b'quddiesa ssaħħek u tgħinek" kienu jħobbu jreddnuli n-nannu u z-zija.

Kont ngħin aktar minn quddiesa kuljum, fosthom dik ta' Dun Peppin li kien ibakkar ukoll. Konna drajna 'l xulxin sewwa. Tajjeb ngħid li l-quddies ma kienx isir fuq l-artal mejda bil-qassis wiċċu lejn in-nies bħal llum. Barra li l-quddies kien isir bil-Latin, is-saċerdot iqaddes b'dahru lejn in-nies. Waqt il-quddiesa kien ikun hemm bosta tgedwid, minħabba li tul il-quddiesa ħafna kienu jinfexxu jgħidu r-rużarju minflok iwieġbu lill-qassis. Kulħadd għal rasu. Ma tlumhomx għax ma kienu jifhmu xejn. Madankollu fil-ħin tal-elevazzjoni kien jaqa' skiet perfett. Hemda sħiħa taqtagħha b'sikkina għajr xi tqaħqiħa ħafifa fi knisja kemxejn mudlama. Illum bil-bozoz kulfejn iddawwar wiċċek, ħaġa oħra. Dun Peppin f'dik il-ġabra kollha beda jħejji għal dan il-waqt solenni. Jien kont lest għarkupptejja fuq it-tarġa t'isfel tal-artal bil-qanpiena ċkejkna ħdejja fuq l-istess tarġa. F'daqqa waħda, fil-ħin li ġġennibt biex naqbadha ħalli ndoqqha kif nagħmlu dejjem, inħsadt waħda papali. Xwejjaħ bilqiegħda fuq żewġ siġġijiet, fettillu jittewweb waħda kbira tixbah dik l-għajta ta' Tarżan, li dwiet mal-knisja kollha. Dan kien karattru fittizzju li kien jgħix mal-annimali fil-ġungla u fi tfulitna l-films dwaru kienu ħafna popolari. Billi x-xwejjaħ kien bogħod minni biss daqs qamtejn jew

tlieta, sewwa sew bejn il-pulptu u kważi jmiss mat-tarag tal-presbiterju l-għajta qawwija tiegħu qatgħetni minn ġewwa. Bil-ħasda, il-qanpiena taritli minn idi u spiċċat ħdejn il-kanċell, li jgħaqqad id-dirgħajn tal-presbiterju. Fil-pront idur lejja Dun Peppin maħsud daqsi u b'leħen kemxejn għoli lissen "Mur ħudlu qattgħa silla." Minkejja li xtaqt l-art tiblagħni, kif qomt niġbor il-qanpiena fommi fassal tbissima ħafifa. Dak il-ħin dawk li kienu fil-qrib, l-aktar fil-Kappellun tar-Rużarju nfexxew jidħku. ma nafx jekk hux b'dak li qal Dun Peppin jew bija. Kienu ntebħu li qbiżt waħda sewwa. Il-qanpiena kixfitni.

Ref: (1) Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Hal Qormi - Erba' Sekli ta'Storja Ed. Jos. F. Grima - Nies li għamlu isem lil Hal Qormi - Rev. Dun Ġwakkin Schembri pp130
Ħajr għal xi tagħrif ieħor li għaddewli bil-fomm:
lin-Nutar Antoine Agius, lis-Sur Francis Frendo u lil Ms. Josephine Xiberras.

*******

Xtaqt nagħlaq din it-tfakkira ta' Dun Peppin bil-poeżija li kitiblu b'tifkira tal-ewwel quddiesa tiegħu, l-eks surmast tal-iskola, il-poeta, Vincent Ungaro.

## Lin-Novell Saċerdot Dun Ġużepp Pace

***Direttur Spiritwali taċ-Ċirkolu San Stanislaw Kostka***
***F'jum l-ewwel Quddiesa Sollenni tiegħu***
***fil-parroċċa San Ġorġ Martri, Hal Qormi – 2.6.1940***

Kont għadek żgħir, tifel ferrieħi tilgħab
Bix-xama', bil-gandlieri u bl-altar;
Sikwit il-knisja u magħdud mill-kotra,
B'tifel umli u b'wieħed mill-aħjar.

U kbirt imsaħħaħ sew fid-Dín Nisrani,
Ħabrieki dħalt f'edin l-Azzjoni tagħna, (1)
Dawwaqtna l-għasel bnin mix-xofftejn tiegħek
U għidt li tibqa' taħdem dejjem magħna.

Int li erfajt ix-xejn minn tagħna f'Ċirklu (2)
U tajtu isem u Patrun minn tiegħek:
"San Stanislaw" għażilt biex ilkoll f'daqqa
Ngħożżuh b'qima mill-akbar flimkien miegħek.

U issa lħaqt il-ħsieb l'għalih kont taħdem
Għax ħatrek Alla llum Ministru Tiegħu:
Għaliex bil-kelma tista' tniżżel 'l Alla
Fuq dan l-altar sabiex titkellem Miegħu.

Qed narak tmissu wkoll, titħallat Miegħu:
Itolbu s-serħ għall-mejjet missier tiegħek
U ftakar f'ommok, f'oħtok, fi qrabatek
U f'dawk ilkoll li s'issa waqfu miegħek.

U ftakar fina lkoll, f'ulied l-Azzjoni,
Itlob sabiex jiżdied in-numru tagħna;
Itolbu 'l Alla ż-żelu sabiex tkompli
Taħdem, tħabrek bla hedu flimkien magħna.

(1) L-Azzjoni Kattolika.

(2) Ċirklu "San Stanislaw Kostka" tal-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika f' Ħal Qormi.

Waqt li qegħdin infakkru l-ħamsin sena mill-mewt tiegħu nemmnu bis-sħiħ li llum Dun Peppin jinsab igawdi 'l Alla, il-frott ta' ħidmietu. Ix-xogħol li wettaq u t-tajjeb li żera' fil-għalqa tal-Mulej mat-tfal tal-bieraħ kien ta' siwi u fejda kbira. Dawk kibru u tkattru fi rġiel u nisa tal-lum. Dak li ddakkar fihom jinsab f'uliedhom u jibqa' sejjer f'ulied uliedhom. Irroddulu ħajr għat-tagħlim tiegħu fostna. Minkejja li ħalliena snin ilu, aħna l-Qriema għandna nibqgħu niftakru fih fit-talb tagħna.


Mirage

51, Cardinal Sciberras Street, Qormi - Tel: 2148 7196

***Ħwejjeġ u Żraben għal kull età, kemm puliti kif wkoll ċasual. Affarijiet tad-dar bħal tapiti, xugamani, lożor, borom, purtieri, eċċ...***

**Nifirħu lill-istazzjon tar-Radju**
***"Leħen il-Belt Ġorġjana 105.6FM"***
**għar-rikonoxximent**
**"Għarfien il-Ħila"**
**li ngħata mill-Kunsill Lokali f'Jum Ħal Qormi 2012**